Rivista ta' Spiritwalità 26/168 (2014): 10–16

Mill-Arloġġ Museumin

# L-Offerta għall-Knisja

## Kummentarju fuq it-talba tal-11:00

*Kevin Schembri*

**Talba għall-Knisja**
Alla Missier,
jiena noffrilek il-pjagi divini ta' Kristu, Ibnek, għall-Knisja tagħna
biex tkattar fiha n-numru tal-operarji u tal-fidili,
u ssaqqiha kontinwament bl-ispirtu tal-karità, tal-umiltà u tal-manswetudni.
Ammen.

Kull talba mlissna jew miktuba tirrifletti qalb moħbija. Permezz ta' dan il-kummentarju qasir, se nipprova nuri kif it-talba Offerta għall-Knisja ta' Dun Ġorġ Preca – li l-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M., għandhom assenjata għall-11:15am fl-Arloġġ Museumin[1]- tbexxaq tieqa fuq ir-relazzjoni li dan is-saċerdot Malti kellu ma' Alla, mad-dinja u miegħu nnifsu.

### 1. Alla Missier

L-Offerta għall-Knisja tiftaħ bl-indirizz "Alla Missier", li mill-ewwel ilaqqagħna ma' żewġ veritajiet fundamentali: Dun Ġorġ kien bniedem ta' talb u kellu fidi kbira f'Alla.

Bħala saċerdot b'saqajh mal-art u intelliġenti, Dun Ġorġ kien jinteressah ħafna mir-realtajiet ta' madwaru u kellu l-preokkupazzjonijiet u l-fehmiet



personali tiegħu. Madankollu, fl-osservazzjoni tiegħu ta' dak li kien ikun qed jiġri, jidher li ma kienx jieqaf biss fuq il-livell ta' analiżi, kritika jew dibattitu. Aktarx kien jaf illi min jeħel hawn, jispiċċa jinqabad f'kobba ta' spekulazzjonijiet li spiss tissarraf fi frustrazzjoni u diskorsi fuq il-proxxmu. B'ħarstu merfugħa 'l fuq, Dun Ġorġ kien spiss jippreżenta r-realtajiet tal-ħajja tiegħu u ta' madwaru lil Alla, l-oġġett wieħed ta' ħsiebu u ta' qalbu. Kien ċert illi min spiss jeleva r-ruħ tiegħu f'Alla[2] u jistrieħ fil-preżenza tiegħu jsib "perfezzjoni u paċi".[3] Il-ħolqien tal-Arloġġ Museumin hu eżempju ċar ta' din il-konvinzjoni[4].

**Min spiss jeleva r-ruħ tiegħu f'Alla u jistrieħ fil-preżenza tiegħu jsib "perfezzjoni u paċi".**

Hekk ukoll għamel quddiem ir-realtà kumplessa tal-Knisja. Wiċċ imb wiċċ ma' din l-istituzzjoni kbira, qaddisa u midinba, Dun Ġorġ kien iħossu żgħir u bla ħila. Bħal tfajjel ċkejken, fl-Offerta għall-Knisja, fetaħ fommu u sejjaħ lil Missieru biex jintervjeni. Sejjaħlu b'fidi u fiduċja kbira għax kien ċert li Alla l-Missier hu "s-Sinjur tas-sema u tal-art"[5] u l-istess "Ħelu Missier tal-imbierek Ġesù Kristu"![6]

**2. Jiena noffrilek il-Pjagi Divini ta' Kristu Ibnek**

L-Offerta għall-Knisja tkompli bil-kliem "jiena noffrilek il-pjagi divini ta' Kristu Ibnek". Din il-frażi tniżżilna aktar fil-fond tal-ħajja tat-talb ta' Dun Ġorġ , u

turina li hu mhux biss kien jitlob b'fidi kbira imma kien ukoll ipoġġi siġill ta' garanzija fuq it-talb tiegħu.

Il-garanzija li Dun Ġorġ poġġa fuq l-Offerta għall-Knisja hi l-pjagi divini ta' Kristu. Wara li kien qara r-rivelazzjonijiet privati ta' Swor Marija Marta Chambon (1841-1907) u kompla jniżżel l-għeruq tad-devozzjoni lejn il-pjagi divini fl-Evanġelju, Dun Ġorġ wasal għall-konklużjoni ċerta illi Alla l-Missier jilqa' kull sejħa li hi mmarkata b'dan is-siġill. Fil-pjagi ta' Kristu, Dun Ġorġ kien jilmaħ ir-refuġju[7] kif ukoll "is-saħħa, il-prezz, il-komfort, il-paċi u l-glorja" tal-bniedem.[8] Imma fuq kollox, kien iqis il-pjagi bħala "l-għaxqa tas-Santissima Trinità"[9] u s-sinjali tal-imħabba kbira ta' Kristu li mmeritaw il-grazzja ta' Alla għad-dinja.[10]

**Il-kelma "tagħna" turi li l-Knisja kienet parti minn ħajtu u li kien iħossu "ta' ġewwa" ma' din ir-realtà.**

Għalhekk, l-offerta tal-pjagi fi ħdan l-Offerta għall-Knisja tpoġġi lil din it-talba fl-isfond tat-tixbiha li Dun Ġorġ stess għamel fil-bidu tal-Arloġġ, fejn qabbel kull offerta tal-pjagi divini ma' fwieħa tassew denja tal-Maestà Divina, li titla' 'l fuq lejn it-tron ta' Alla, u li minħabba fiha l-Missier ma jistax ħlief iroxx għejjun ta' grazzji fuq il-persuna u l-intenzjonijiet ta' min joffrihielu.[12]

### 3. Għall-Knisja Tagħna

L-Offerta għall-Knisja tkompli bil-frażi "għall-Knisja tagħna", li għalkemm qasira, tikxef ir-rabta profonda li Dun Ġorġ kellu mal-Knisja.

Quddiem ir-realtà tal-Knisja, Dun Ġorġ ma kienx iħossu barrani. Meta kien jinterċedi għall-Knisja, ma kienx jitlob bħallikieku qed jinterċedi għal xi istituzzjoni jew realtà 'l barra minnu, jew sempliċiment għall-ġerarkija. Il-kelma "tagħna" turi li l-Knisja kienet parti minn ħajtu u li kien iħossu "ta' ġewwa" ma' din ir-realtà. Fil-fatt, din l-appartenenza għall-Knisja hi espressa f'diversi talbiet oħra tiegħu, kif jixhed l-istess Arloġġ Museumin.[13]

Barra minn hekk, permezz tal-Offerta għall-Knisja, Dun Ġorġ wera li r-rabta tal-individwu mal-Knisja awtomatimament tressqu



lejn il-membri l-oħra kollha. Fil-frażi "għall-Knisja tagħna" nsibu moħbija ekkleżjoloġija ta' komunjoni fejn "tiegħi" tinbidel f'"tagħna" u fejn "jien" u "huma" jinbidlu f'"aħna". Fi kliem ieħor, fl-Offerta għall-Knisja, Dun Ġorġ ħoloq talba li permezz tagħha, il-membri differenti tal-istess familja jitolbu flimkien u b'imħabba kbira għall-familja tagħhom stess.

**4. Biex tkattar fiha n-numru ta' operarji u tal-Fidili**

L-Offerta għall-Knisja tkompli bis-supplikazzjoni "biex tkattar fiha n-numru tal-operarji u l-fidili", li tkompli tikxef fejn tassew kienet tħabbat il-qalb ta' Dun Ġorġ.

Ispirat mill-manjanimità Injazjana,[14] Dun Ġorġ dejjem ixxennaq għal dak li hu l-akbar u l-ogħla fejn jidħlu l-ħwejjeġ tar-ruħ, il-ħeġġa għall-erwieħ u l-glorja ta' Alla. Kien dan l-ispirtu, flimkien mal-kmand ta' Kristu lill-Appostli biex imorru jxandru l-Bxara t-Tajba lill-bnedmin kollha,[15] li wasslu biex joħloq it-tifsira sabiħa tal-isem M.U.S.E.U.M.[16] u biex jinseġ din it-talba għat-tkattir tan-numru tal-insara fid-dinja.[17]

**Dun Ġorġ l-ewwel talab għat-tkattir tal-operarji għax kien jaf li l-Knisja setgħet tixtered biss jekk ikun hemm min ixandar.**

Interessanti li fl-Offerta għall-Knisja, Dun Ġorġ ma talabx biss biex jikber in-numru tal-fidili fil-Knisja. Talab ukoll biex jitkattar in-numru tal-operarji; anzi, l-ewwel talab għat-tkattir tan-numru tal-operarji, u mbagħad għal dak tal-fidili. Dan għamlu għax hu kien konvint li l-fidi tiġi mis-smigħ[18] u kien jaf li l-Knisja setgħet tikber u tixtered biss jekk ikun hemm min ixandar. Għalhekk, l-Offerta għall-Knisja tikxef ukoll l-apprezzament kbir li Dun Ġorġ kellu għal dawk il-persuni kollha li jitħabtu "għas-saħħa tal-bnedmin", b'mod speċjali għal dawk li jagħmlu dan "permezz tat-tagħlim",[19] li hu kien iqisu bħala mezz neċessarju għall-qdusija u l-għajn ta' kull ġid.[20]

**5. U ssaqqiha kontinwament bl-Ispirtu tal-Karità, tal-Umiltà u tal-Manswetudni**

L-Offerta għall-Knisja tagħlaq b'supplikazzjoni oħra: "u ssaqqiha kontinwament bl-ispirtu tal-karità, tal-umiltà u tal-manswetudni". Din it-tieni xewqa ta' Dun Ġorġ hi marbuta mal-ewwel waħda, u toħroġ fil-beraħ l-għan aħħari tal-ħolma tiegħu.

Il-ħolma kbira li Dun Ġorġ kellu għall-Knisja – li tikber u tixtered mad-dinja kollha – ma kinitx ħolma li kellha tilħaq il-milja tagħha fiha nfisha. Meta talab biex jitkattar in-numru tal-membri fil-Knisja, dan m'għamlux għax kien immexxi minn spirtu imperjali, pompuż jew trijomfali. Għall-kuntrarju, it-talba ta' Dun Ġorġ kienet immexxija minn żelu kbir missjunarju u mħabba sinċiera lejn il-proxxmu.[21]

Dun Ġorġ xtaq li l-bnedmin kollha jħaddnu l-fidi tal-Knisja għax b'hekk setgħu jsiru jafu lil Kristu, iħobbuh u jimitawh. Ispirat mill-ispiritwalita klassika tal-Imitazzjoni ta' Kristu (seklu XV) u tal-Eżerċizzi Spiritwali (seklu XVI) kif ukoll mill-istruzzjoni ta' Kristu stess li biha espressament talab lid-dixxipli biex jimitawh,[22] Dun Ġorġ tassew kien joħlom li l-bnedmin kollha jharsu lejn dan l-Imgħallem wieħed tal-bnedmin[23] biex jitgħallmu minnu u jsiru jixbhuh, speċjalment fil-virtujiet ċentrali tal-umiltà, l-manswetudni, u l-imħabba kbira lejn il-proxxmu.[24] Għalhekk, meta fl-Offerta għall-Knisja, Dun Ġorġ talab biex il-Knisja tissaqqa bl-ispirtu ta' dawn it-tliet virtujiet, hu kien qed jitlob biex l-insara kollha jħaddnu l-ispirtu ta' Kristu. Din it-talba mhix sorprendenti għax fil-kors ta' ġurnata sħiħa tal-Arloġġ, Dun Ġorġ litteralment ma jiqafx jistieden lis-soċji biex jitolbu għal dan l-ispirtu li hu jsejjaħlu wkoll l-"ispirtu t-tajjeb",[25] u biex jimmeditawh.[26]

**Dun Ġorġ xtaq li l-bnedmin kollha jħaddnu l-fidi tal-Knisja għax b'hekk setgħu jsiru jafu lil Kristu, iħobbuh u jimitawh.**

Fl-aħħarnett, permezz tal-kelmiet "ssaqqiha kontinwament", l-għeluq tal-Offerta għall-Knisja jerġa' jeħodna lura għall-bidu tagħha. Biex iseħħ dan kollu, Dun Ġorġ jitlob l-intervent dirett ta' Alla l-Missier, għax kollox bil-ħila tiegħu u "kollox taħt il-ġudizzji providenzjali tiegħu".[27] Waqt li jissellef l-immaġni mill-Evanġelju,[28] Dun Ġorġ jitlob lil Alla jsaqqi u jipproteġi s-Siġra tal-Knisja li Hu stess kien żera', b'mod li qatt ma jaqla' jdejh u għajnejh minn fuqha.

---

*Dun Kevin Schembri huwa sacerdot djocesan li bħalissa qed ikompli l-istudji tad-dottorat fil-Liġi Kanonika ġewwa l-Università Gregorjana f'Ruma. Hu kien Socju fis-Socjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M., u għandu għal qalbu ħafna l-istudju dwar Dun Ġorġ Preca u l-kitbiet tiegħu.*

---

**Noti**

1. L-Arloġġ Museumin (minn hawn 'il quddiem se nirreferi għalih bħala l-Arloġġ) hu l-ktieb tat-talb li Dun Ġorġ kiteb għall-membri tas-Soċjetà li hu stess waqqaf. Sejjaħlu Arloġġ għax hu magħmul minn diversi talbiet u meditazzjonijiet li huma assenjati b'mod fiss għal kull kwarta tal-ġurnata bejn is-6am u s-7pm. Dawn it-talbiet jintalbu mill-membri kollha "fl-istess ħin u f'diversi postijiet, f'għaqda ta' spirtu wieħed". Ara id-Daħla fil-bidu tal-Arloġġ.
2. Ara id-Daħla fil-bidu tal-Arloġġ.
3. Ara l-Eżortazzjoni fil-bidu tal-Arloġġ.
4. Permezz tal-Arloġġ, Dun Ġorġ xtaq li l-oħrajn wkoll fihom din id-drawwa li kontinwament joffru l-ġrajja tagħhom u tad-dinja lil Alla. Ara l-offerti għall-agonizzanti fis-6:15am, għall-erwieħ

tal-purgatorju fis-7:15am, għall-midinbin fit-8:15am, għall-benefatturi fid-9:15am, għall-għedewwa fl-10:15, għall-Knisja fil-11:15am, u għas-Soċjetà Museumina f'12:00pm.

5. Ara t-Talba Għodwija, il-meditazzjonijiet tas-7am, 8am, 9am, 10am, 11am, 2pm, 3pm u 6pm, it-talba Il-Vittma tat-3:15pm, id-Dixxiplina tas-7pm. Barra minn hekk, matul il-kors ta' ġurnata waħda tal-Arloġġ, Dun Ġorġ jindirizza lil Alla wkoll bħala: "Alla ħaj u veru" (ara Il-Missierna tas-6am, l-Adorazzjoni tal-10:45am, l-Offerta għas-Soċjetà Museumina f'12pm u Il-Vot tal-Manswetudni tas-6:15pm); "is-Sinjur assolut u etern" (ara r-Ringrazzjament San Mikiel tat-2:45pm); "is-Sinjur Alla tal-eżerċti" (ara l-Kantiku Vespertin (Innu ta' filgħaxija) tal-5:15pm); "is-Sid ta' kollox u ta' kulħadd" (ara r-Ringrazzjament San Mikiel tat-2:45pm); "Alla li lilu waħdu unur u glorja għal dejjem" (ara l-Litanija tal-Qaddisin tas-6:30am, ir-Ringrazzjament fuq Kristu tas-5:45pm u l-Episodju tas-7:30am, 8:30am, 9:30am, 10:30am, 11:30am, 2:30pm, 3:30pm, 4:30pm, 5:30pm u 6:30pm); "Alla li Int waħdek Dominatur u li m'għandek bżonn ħadd" (ara l-Kantiku Vespertin (Innu ta' filgħaxija) tal-5:15pm); il-"Qaddis, Qawwi, u Immortali" (ara l-Litanija tal-Qaddisin tas-6:30am); Alla Sid u Ġust (ara l-Offerta għall-Erwieħ tal-Purgatorju tas-7:15am, l-Offerta għall-Midinbin tat-8:15am u l-Kantiku Vespertin (Innu ta' filgħaxija) tal-5:15pm); Alla Ħallieq (ara t-Talba Għodwija u r-Ringrazzjament fuq il-Ħolqien tas-6:45am); Alla Provvidenti (ara r-Ringrazzjament fuq il-Provvidenza tas-7:45am, l-Adorazzjoni tal-10:45am u Il-Provvidenza (Meditazzjoni) ta' 11:45am); Alla Protettur (ara l-Offerta għall-Benefatturi tad-9:15am u l-Offerta għall-Għedewwa tal-10:15am); Alla Sapjenti (ara l-Adorazzjoni tal-10:45am); u Alla Omnipotenti (ara l-Adorazzjoni tal-10:45am, il-Kantiku Vespertin (Innu ta' filgħaxija) tal-5:15pm u r-Ringrazzjament fuq Kristu tas-5:45pm).

6. Ara t-Talba Għodwija. Barra minn hekk, matul il-kors ta' gurnata waħda tal-Arloġġ, Dun Ġorġ jirreferi għal Alla wkoll bħala "kawża ta' kull ġid u perfezzjoni" (ara l-meditazzjoni assenjata għal nhar ta' Sibt dwar il-ħniena ta'Alla fit-talba tal-Ktieb il-Kbir tat-3pm); "il-benefattur veru u uniku ta' kulħadd" (ara l-meditazzjoni assenjata għal nhar ta' Ħadd dwar l-imħabba lejn Alla fit-talba tal-Ktieb il-Kbir tat-3pm) u Alla Tajjeb u Ħanin (ara l-Attijiet il-Qosra tal-9:45am, il-meditazzjoni assenjata għal nhar ta' Sibt dwar il-ħniena ta' Alla mill-Ktieb il-Kbir tat-3pm, ir-Ringrazzjament fuq Marija Santissima tal-4:45pm, l-Kantiku Vespertin (Innu ta' filgħaxija) tal-5:15pm u d-Dixxiplina tas-7pm).

7. Ara l-Bniedem Interjuri (Meditazzjoni) tas-6:45pm.

8. Ara l-Pligoloġija (Qima lill-Pjagi ta' Kristu) tal-4pm. Dun Ġorġ semma l-pjagi divini f'għoxrin talba differenti matul il-kors ta' ġurnata sħiħa tal-Arloġġ, u permezz tal-istess Pligoloġija (Qima lill-Pjagi ta' Kristu) tal-4pm, hu stieden lis-Soċji biex kuljum jieqfu jselmulhom u jadurawhom, isejħulhom u jberkuhom, iweġġħuhom u jirringrazzjawhom.

9. Ara l-Adorazzjoni tal-10:45am u l-Pligoloġija (Qima lill-Pjagi ta' Kristu) tal-4pm.

10. Ara Il-Qima tal-Pjagi.

11. Ara l-Pligoloġija (Qima lill-Pjagi ta' Kristu) tal-4pm.

12. Ara l-Eżortazzjoni fil-bidu tal-Arloġġ.

13. Ara r-rabta mal-Qaddisin tal-Knisja

fit-Tislimiet lill-Qaddisin Protetturi mal-qawmien, l-Litanija tal-Qaddisin tas-6:30am u l-Kommemorazzjoni tal-Qaddis Protettur tal-Jum tas-6pm. Interessanti ħafna li Dun Ġorġ poġġa t-tislima lil San Pietru, l-ewwel Kap tal-Knisja, immedjatament wara l-ewwel tislima ddedikata lil San Ġwanni l-Battista, Patrun tas-Soċjetà. Ara wkoll r-rabta mal-Fidi tal-Knisja fir-Ringrazzjament Fidi Nisranija tad-8:45am u l-Kredu (Meditazzjoni) tal-11am.

14. Meta waqqaf il-Kumpanija ta' Ġesù (magħrufa aħjar bħala s-Soċjetà tal-Ġizwiti), Sant'Injazju ta' Loyola għażel għaliha l-motto "ad maiorem Dei gloriam", li bil-Malti jfisser "għall-akbar glorja ta' Alla".
15. Ara Mattew 28,19 u Mark 16,15.
16. Wara li Salvu Muscat, wieħed mill-ewlenin Soċji kien issuġġerixxa l-isem tal-Mużew għall-Għaqda l-ġdida, Dun Ġorġ ħareġ bl-akronimu bil-Latin M.U.S.E.U.M, u tah tifsira li permezz tiegħu għannaq id-dinja kollha: "Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus", li bil-Malti tfisser "Mgħallem, mhux li kien li d-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju".
17. Interessanti li din is-supplikazzjoni fl-Offerta għall-Knisja tixbaħ ħafna lil dik li ssir fl-Offerta għas-Soċjetà Museumina. F'din tal-aħħar, assenjata għall-12pm, Dun Ġorġ jitlob lil Alla l-Missier ibierek is-Soċjetà li hu waqqaf u jkattar fiha n-numru tas-Soċji.
18. Ara Rumani 10,17.
19. Ara l-Offerta għas-Soċjetà Museumina ta' 12pm.
20. Ara d-Daħla fil-bidu tal-Arloġġ.
21. Fil-meditazzjoni tal-Arloġġ dwar l-imħabba għall-proxxmu, assenjata għall-jum tat-Tnejn fit-3pm, Dun Ġorġ jirrifletti kif l-imħabba lejn il-proxxmu għandha tkun "universali" għax "proxxmu hu kull min jista' jsalva ruħu". Ara l-meditazzjoni Ktieb il-Kbir tat-3pm.
22. Ara Mattew 11,29.
23. Ara r-Ringrazzjament Fidi Nisranija tad-8:45am. Permezz tal-Episodju fl-Arloġġ, Dun Ġorġ stieden lis-Soċji biex, kull siegħa, jikkontemplaw lil Kristu permezz ta' xena differenti mill-Evanġelju. Fuq medda ta' ġimgħa, min jitlob l-Arloġġ jimmedita sebgħin xena. Ara l-Episodju tas-7:30am, 8:30am, 9:30am, 10:30am, 11:30am, 2:30pm, 3:30pm, 4:30pm, 5:30pm, u 6:30pm.
24. Ara t-talba Ktieb il-Kbir tat-3pm u Il-Vot tal-Manswetudni tas-6.15pm.
25. Ara t-talbiet tas-7am, 8am, 9am, 10am, 11am, 2pm, 3pm, u 6pm u l-talba fl-aħħar ta' kull Kommemorazzjoni tal-Qaddis Protettur tal-Jum tas-6pm. Barra minn hekk, bejn 12:00pm u 1:45pm, l-Arloġġ jissuġġerixxi ġakulatorja qasira għal kull kwarta: "Alla Missier, agħtini l-Ispirtu ta' Kristu Ibnek. Amen".
26. Ara l-Episodju tas-7:30am, 8:30am, 9:30am, 10:30am, 11:30am, 2:30pm, 3:30pm, 4:30pm, 5:30pm, u 6:30pm, kif ukoll Sentenza mill-Epistolarju u oħra minn Leħen il-Maħbub tas-2pm.
27. Ara Il-Providenza (Meditazzjoni) ta' 11:45am.
28. Ara Luqa 13,18-19; Mt 13,31-32